# ĦRUĠ MARZU

Ta' V.J.G.

Ajru tal-Ġimgħa l-Kbira:
riħ kiesaħ mill-majjistral
firex star mudlam ma' wiċċ is-sema
u mela l-arja bid-duħħan —
xerred tkexkixa bard ma' kullimkien.

Il-qniepen f'mota għalenija l-ġemgħa ssejjaħ
għat-tifkira ta' qtil il-Ħaruf mingħajr ħtija.
Mill-Knejjes ħierġa riħa tqila
ta' xama' u libien
u fil-kori kant bekkej jitbekka mewt il-Mislub.

Madwar feġġ ħjiel il-wegħda tal-Għid —
ħjiel il-Qawmien.
Ilheġġu l-ħbula bi nwar is-silla miksija
u jmewġu il-meddiet ta' qamħ imsebbel
miż-żiffa
li tofroq il-wilġa
u tagħnet ma' l-għoljiet.
Tbajjad silġ l-għajnbaqra miżahra.
Mijiet ta' egħjun q'għed jitbexxqu
u jikxfu eluf ta' werqiet tarjin.
Jidwi r-rdum bil-għana tal-qtajja' tal-għasafar
għall-għasar miġbura
fis-siġar 'l hawn u 'l hinn imxerrda.